# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 16**

**Avviz numru 1404/00mm**

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rappreżentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Zammit u l-istess Joseph Zammit**

**Vs**

**Alison Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fit-28 ta' Settembru, 2000, fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta illi thallas lill-atturi s-somma komplessiva ta' tliet mija u dsatax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm319.62), liema ammont jikkonsisti f'mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm286.57) bhala danni kkagunati mill-konvenuta lill-vettura CAB-812, hamsa u

ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala *excess* imhallsa mill-attur Joseph Zammit, kif ukoll ghal tmien liri Maltin u hames centezmi (Lm8.05) dovuti bhala *Survey Fee*, in linea ta' danni – kkagunati mill-konvenuta – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fi Triq Mannarino, Birkirkara fis-27 ta' Frar, 2000, meta l-konvenuta kienet qeda ssuq il-vettura numru JAB-402 u harget minn *side road* ghal fuq l-imsemmija triq principali u kkagunat incident mall-vettura numru CAB-812 proprjeta' ta' Joseph Zammit u misjuqa mill-istess Joseph Zammit li kienet ghaddejja fid-dritt taghha fl-imsemmija triq – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Settembru, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment mal-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' dan l-Avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara tort tas-sewwieq Joseph Zammit li waqt li kien qieghed isuq il-vettura numru CAB 812 naqas milli josserva r-Regolamenti tat-traffiku u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija ta' l-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fis-27 ta' Frar, 2000, go Triq Mannarino, Birkirkara. Kien hemm involuti l-karozza bin-numru tar-registrazzjoni CAB 812 tal-ghamla van Astra misjuq minn Joseph Zammit, l-assikurat tas-socjeta' attrici, kif ukoll il-karozza Maruti 800 bin-numru tar-registrazzjoni JAB 402 misjuqa mill-konvenuta.

Is-Sur Zammit qal illi huwa kien qieghed isuq go Triq Mannarino, fid-direzzjoni ta' l-Imsida.  Kien ghadu kif qabez il-kazin tal-Labour u qed javvicina l-hanut tar-roti li hemm fuq il-lemin tieghu.  Meta wasal fl-inkrocju, harget il-konvenuta Alison Borg minn fuq il-lemin u daret mall-ewwel l-isfel lejn l-Imsida.  Zammit ma lahaqx zamm il-vettura tieghu fil-hin u baqa' diehel fuq in-naha ta' wara tal-vettura ta' Ms Borg.

Kontro-ezaminat, Zammit qal li kien ghaddej b'velocita' ta' cirka ta' tletin (30) mil fis-siegha u l-habta saret bejn wiehed u iehor fil-vicinanzi tad-Delta Home Centre.

Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid illi huwa minnu illi harget minn Sacred Heart Street.  Pero' qabel ma' ghamlet dan waqfet wara l-i*stop sign* biex tresplora t-triq.  Meta rat illi t-triq kienet libera fuq iz-zewg nahat, harget u qabdet it-triq lejn l-Imsida.  Kienet lahqet ghaddiet kwazi kantuniera shiha meta waslet hdejn id-Delta Home Centre u thoss karozza taghtiha daqqa minn wara.

Bid-daqqa, l-karozza taghha, li hija wahda zghira u hafifa, giet imbuttata ghaxar (10) piedi 'l quddiem u wara l-incident hadd ma ammetta r-responsabbilta u giet mimlija l-formola bumper–to–bumper.  Peress illi l-partijiet ma kienux jafu ezatt x'ghandhom jaghmlu b'din il-formola, imlew zewg formoli illi t-tnejn huma esebiti f'dawn l-atti.

Wara l-incident wasal fuq il-post Kenneth Borg, li huwa hu l-konvenuta, illi wara li kellem lil Zammit, dan ta' l-ahhar qallu illi kien ghaddej isuq u ma ndunax bil-karozza misjuqa minn ohtu peress illi kien aljenat.

Ikkunsidrat:

Minghajr il-konfort ta' *sketch* ufficjali tal-Pulizija, difficli biex jigi determinat il-post ezatt fejn saret il-habta.  Filwaqt illi l-partijiet mhumiex qed jikkontestaw ir-rotot rispettivi taghhom, hemm kontroversja ta' fejn ezatt sar l-incident.

Filwaqt illi Zammit jikkoncedi li l-incident sar bejn wiehed u iehor hdejn id-Delta Home Centre, il-konvenuta tghid illi dana sar ezatt hdejh, li allura jaghmilha kantuniera ‘l boghod minfejn harget il-konvenuta.

Hemm esebit ukoll ritratt fejn juri Sacred Heart Street u il-vlegga bid-direzzjoni illi hadet il-konvenuta.  Id-Delta Home Centre jidher fil-boghod aktar ‘l isfel fit-triq ta’ l-Imsida.

Jekk inhuwa minnu li l-incident gara hemmhekk, allura ma hemmx dubbju illi hemm nuqqas ta’ *proper lookout* da parti ta’ Zammit.  Jekk min-naha l-ohra l-incident gara ferm aktar ‘il fuq, allura jista’ jaghti l-kaz li hemm element ta’ traskuragni da parti tal-konvenuta meta hija harget minn *side road* ghal fuq triq principali minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet necessarji.

Zammit jghid li l-incident gara xi tliet tulijiet ta’ karozza aktar l-isfel lejn l-Imsida.  Dana jpoggi l-incident kwazi fin-nofs tal-kantuniera bejn Sacred Heart Street u id-Delta Home Centre, pero’ jirrikonoxxi illi fil-vicinanzi hemm dan il-hanut.  Hi x’inhi, l-Qorti m’ghandhiex korroborazzjoni ndipendenti illi tista’ titfa’ l-bilanc favur naha jew ohra.  It-tnejn jistghu qeghdin jghidu l-verita’ fl-isfond tal-perspettiva ndividwali ta’ l-incident.

F’dawn ic-cirkostanzi, l-Qorti ma jistax ikollha dak il-konvenciment morali ibbabazat fuq il-preponderanza ta’ probabbilitajiet.  Ghandha zewg verzjonijiet li t-tnejn jistghu jkunu veritjeri.  Fi kwalunkwe kaz, huwa l-attur li jrid jaghmel il-prova li l-incident in kwistjoni gara b’tort

tal-konvenuta.  Din il-prova trid issir dejjem u jekk ma ssirx b'mod sodisfacenti l-Qorti ma tkunx tista' tilqa' t-talbiet attrici (ara Francis Paul Ebejer Noe vs Malcolm Muscat deciza mill-Prim Awla fis-17 ta' Ottubru, 1997).

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-atturi, b-ispejjez kontra taghhom

Anthony Zammit
Deputat Registratur